# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru 90/2014 FDP**

Fl-ismijiet

**George Galea**
**(ID 342158M)**

**Vs**

**Maria Carmela sive Marica Baldwin**
**(ID 369964M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 31 ta' Jannar 2014, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi l-esponent George Galea u l-intimata Maria Carmela sive Marica Baldwin huma aħwa, ulied John Mary Galea u Helen Galea. Kellhom ħuhom ieħor li miet ta' eta żgħira. Ommu, l-imsemmija Helen Galea, kellha 'personality disorder' u kienet tagħmel il-ħajja ta' missieru waħda miżerabbli.*

    2. *Illi l-esponent huwa eredi universali f' piena u assoluta proprjeta tal-assi universali ta' missieru John Mary Galea, u dan in forza ta' testment magħmul fil-5 ta' April 2013 fl-atti tan-Nutar Dr. Samuel Bezzina.*

    3. *Illi ommu mietet f'Ġunju 2012, filwaqt li missieru miet fit-22 ta' Mejju 2013.*

4. *Illi l-Ħadd, 30 ta' Marzu 2013, ir-rikorrent sab, fid-dar fejn kienu joqogħdu l-ġenituri tiegħu, testment unica charta magħmul fit-28 ta' Frar 2003 minn missieru John Mary Galea u ommu Helen Galea fl-atti tan-Nutar Dr. Victor Bisazza, li permezz tiegħu nnominaw bħala unika eredi universali tagħhom lill-intimata Maria Carmela sive Marica Baldwin.*

5. *Illi wara li miet missieru, l-intimata tatu kopja ta' l-att tad-donazzjoni u qaltlu biex imur bih għand in-nutar u "ara x'jgħidlek". Dan ifisser li għal dawk is-snin kollha, mit-12 ta' Lulju 1995 sas-sena 2013, l-intimata ħbiet mir-rikorrent l-eżistenza ta' att ta' donazzjoni ta' l-assi kollha magħmul favur tagħha. Bil-għan li tiżvijah, lanqas meta tkellmu fuq il-kera tal-ħanut Toyland ma semmietlu d-donazzjoni.*

6. *Illi wara d-donazzjoni magħmula fit-12 ta' Lulju 1995 a favur ta' l-intimata Maria Carmela sive Marica Baldwin, ma fadal xejn mill-assi tal-ġenituri. Huwa ha biss somma ta' EUR 4,000 bħala leġittima mis-suċċessjoni ta' ommu meta l-intimata kienet għadha qed taħbilu l-eżistenza ta' l-att tad-donazzjoni.*

7. *Illi l-esponent għandu provi ċari u konkludenti illi l-imsemmija donazzjoni saret b'riżultat ta' moħqrija u theddid imwettqa prinċipalment mill-mejta ommu Helen Galea u mill-intimata nfisha fuq missieru John Marry Galea.*

8. *Illi l-mejjet missieru kien stqarr ma' aktar minn persuna waħda illi martu u bintu l-intimata ħaduh għand in-Nutar biex jagħmel id-donazzjoni "bħal kelb imsawwat miġbud biċ-ċinga".*

9. *Illi bejn l-esponent u missieru kien hemm rabta u għożża qawwija, tant illi missieru kien jgħaddi biex jara lill-ibnu l-esponent kuljum, xemx jew xita, anke meta saħħtu marret lura ħafna.*

10. *Illi missieru saħansitra kkonsenja lil ibnu l-esponent kopja taċ-ċwievet tal-proprjetajiet kollha msemmija fil-kuntratt ta' donazzjoni sabiex ikun żgur illi huwa jkollu aċċess għalihom. Iżda kien kostrett jgħix ħajja sottomessa, b'ħafna inkwiet intern u jieħu l-pilloli biex jipprova jissopravvivi taħt il-ħakma ta' martu u ta' l-intimata.*

11. *Illi missieru għadda l-aħħar pagament tal-kera tal-ħanut li ġabar qabel ma miet lill-ibnu l-esponent u qallu biex jaqsam l-ammont ta' kera ma' oħtu l-intimata, u, bħalma taf l-intimata stess, l-esponent għadda nofs l-ammont tal-kera lilha preċiż kif ordnat jagħmel u c-cheque ġie inkassat mill-intimata.*

12. *Illi, kif intqal, ommu kellha 'personality disorder' u kienet tagħmel il-ħajja ta' missieru waħda miżerabbli. Lanqas kienet tħallih jiekol bil-kwiet. Kienet bdiet tagħmel l-istess affarijiet lill-esponent meta dan kiber u kien għadu jgħix fid-dar tal-ġenituri.*

13. *Illi r-rikorrent jaf 'di scientia propria' illi missieru kien ikollu jieħu 'sleeping pills' Magadone biex jorqod u kien dejjem inkwetat b'ħafna*

*ħsibijiet minħabba fiha. Huwa dejjem urihom rispett u għożża. Missieru wera b'mod ċar kemm kien jibża' anke mill-intimata Marika (minbarra martu) tant illi kien joqgħod attent x'korrispondenza jirċievi; difatti, wara li għamel l-aħħar testment tiegħu hu wissa lil bint ir-rikorrent Dr. Francesca Galea biex in-Nutar ma jibgħatlux kopja tat-testment bil-posta peress li beża li din tiġi f'idejn Marika minħabba li kienet tmur ta' sikwiet id-dar biex tħalli l-kelb tagħha hemm sakemm tmur ix-xogħol, wara li hu daħal Casa Arkati, l-Mosta, fejn għex l-aħħar xahrejn qabel ma miet.*

14. *Illi f'April 2013, meta mart ir-rikorrent ċemplitlu biex tavżah li sejrin iżuruh l-Isptar, huwa qalilha li kien intbagħat id-dar u żied jgħidilha: "Marthese, irrid nirranġa l-affarijiet tiegħi għax wara li miet iz-ziju, Marica għamlet storbju kbir u ħaduni Helen marti u binti Marica fl-aqwa tax-xemx kontra r-rieda tiegħi bħal kelb miġbud biċ-ċinga biex nagħmel l-affarijiet kontra r-rieda tiegħi."*

15. *Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-donazzjoni magħmula b'kuntratt pubbliku tat-12 ta' Lulju 1995 fl-atti tan-Nutar Dr. Victor Bisazza, missieru John Mary Galea u ommu Helen Galea li bih kienu ttrasferew diversi proprjetajiet immobbli u assi oħra huwa u bla effett minħabba li sar b'riżultat ta' moħqrija u theddid imwettqa fuq li-imsemmi John Mary Galea prinċipalment minn martu Helen Galea, u mill-intimata Marica Baldwin.*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-testment unica charta magħmul fit-28 ta' Frar 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Victor Bisazza minn missieru John Mary Galea u ommu Helen Galea, li permezz tiegħu nnominaw bħala unika eredi universal tagħhom lill-intimata Maria Carmela sive Marica Baldwin, huwa null u bla effett minħabba li sar b'riżultat u theddid imwettqa fuq l-imsemmi John Mary Galea minn martu Helen Galea u mill-intimata Marica Baldwin.*

3. *Tiddikjara illi konsegwentement is-suċċessjoni għandha tiġi regolata skont il-Liġi u inoltre jiġi kkonfermat it-testment li għamel missieru John Mary Galea wara l-mewt ta' martu Helen Galea.*

   *Bl-ispejjeż kontra l-intimata.*

2. Rat illi fit-13 ta' Awwissu 2016, l-intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

   1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminari, l-ewwel talba tar-rikorrenti hija preskritta bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Art. 1222 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

   2. *Fit-tieni lok, in linea preliminari, it-tieni talba tar-rikorrenti hija wkoll preskritta bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Art. 1222 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

> 3. *Fit-tielet lok, ukoll in linea preliminari, ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Art. 1228 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti rrinunzja għall-azzjoni odjerna fil-mument li wettaq u rratifika d-dispożizzjonijiet tal-atti pubbliċi li tagħhom issa qiegħed jitlob ir-rexxissjoni.*
>
> 4. *Fir-raba' lok, in linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti huma legalment insostenibbli in kwantu dan qiegħed jitlob ir-rexxissjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tal-att pubbliku datat 12 ta' Lulju 1995 u tat-testment datat 28 ta' Frar 2003; ir-rikorrenti jonqos milli jieħu qies li l-atti pubbliċi in kwistjoni jinkorporaw fihom il-volonta' ta' żewġ kontraenti, ossia ta' John Mary Galea u martu Helen Galea u mhux ta' John Mary Galea biss.*
>
> 5. *Fil-ħames lok, fil-mertu, il-kunsens tal-mejjet John Mary Galea għall-atti pubbliċi li tagħhom qiegħda tintalab ir-rexxissjoni ma ġiex meħud bi vjolenza. Ir-rikors odjern huwa biss riżultat ta' pika da parti tar-rikorrenti, li wara l-mewt tal-ġenituri tiegħu issa ddeċieda li jivvessa lil oħtu bi proċeduri ġudizzjarji li ma għandhomx l-iċken bażi fattwali.*
>
> 6. *Fis-sitt lok, għat-tielet talba tar-rikorrenti, in kwantu din hija konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet tiegħu, japplikaw bi sħiħ l-eċċezzjonijiet sollevati kwantu għall-ewwel żewġ talbiet tal-istess rikorrenti.*
>
> 7. *Fis-seba' lok, fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ħuma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*
>
> 8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Liġi, jekk ikun il-każ.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra ir-rikorrenti u b'riserva ta' kwalumkwe azzjoni spettanti lill-intimata.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija inkluż id-donazzjoni tat-12 ta' Lulju 1995 fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza (fol 5), it-testment tat-28 ta' Frar 2003 fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza (fol 8), it-testment tal-5 ta' April 2013 fl-atti tan-Nutar Samuel Bezzina (fol 10), l-Ittra Uffiċjali mibgħuta minn George Galea lil Marica Baldwin datata 9 ta' Settembru 2013 (fol 12).

4. Rat illi fil-25 ta' Frar 2015, ġew kapovolti l-provi sabiex jiġu deċiżi l-ewwel żewġ eċċezzjonijet preliminari ta' l-intimati.

5. Rat l-affidavit ta' **Maria Carmela sive Marica Baldwin** ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2015 (fol 68).

6. Rat illi fil-5 ta' Mejju 2015 l-intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.

7. Rat ix-xhieda ta' **Marthese Galea**, mart ir-rikorrent George Galea, mogħtija fl-20 ta' Ottubru 2015. (fol 89)

8. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Maria Carmela sive Marica Baldwin, mogħtija fil-11 ta' Frar 2016 (fol 100).

9. Rat ix-xhieda ta' **Eileen Micallef**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fit-18 ta' Marzu 2016 (fol 104).

10. Rat ix-xhieda tar-rikorrent, **George Galea**, mogħtija fit-12 ta' Mejju 2016 (fol 107) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata, ossija riċevuta ta' €4,000 għas-sehem riservat tiegħu tal-eredita' ta' ommu (fol 110).

11. Rat illi fit-12 ta' Mejju 2016 sar rikors mir-rikorrenti sabiex il-provi jinġabru fuq il-meritu kollu u mhux biss fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijet (fol 111), liema rikors ma jidhirx illi qatt ġie finalment degretat.

12. Rat ix-xhieda ta' **Gaetano Grech**, li kien xhud għall-iffirmar tat-testment datat 5 ta' April 2013, mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2016. (fol 117)

13. Rat ix-xhieda ta' **Luciano Baldacchino**, kuġin tal-partijiet, mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2016 (fol 119).

14. Rat ix-xhieda ta' **Vincent Sciberras**, impjegat tar-rikorrent, mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2016 (fol 121).

15. Rat ix-xhieda ta' **Francesca Galea**, bint ir-rikorrent, mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2016 (fol 122).

16. Rat ix-xhieda ta' **Roseanne Borg**, kuġina tal-partijiet, mogħtija fit-8 ta' Novembru 2016 (fol 125).

17. Rat ix-xhieda ta' **Maria Galea**, bint ir-rikorrenti, mogħtija fit-8 ta' Novembru 2016 (fol 127).

18. Rat ix-xhieda ta' **Maria Doris Bonnici**, kuġina tal-partijiet, mogħtija fis-27 ta' April 2017 (fol 135).

19. Rat ix-xhieda ta' **David Degabriele**, li jmexxi l-grupp ta' talb Paċi u Sliem, mogħtija fis-27 ta' April 2017 (fol 137).

20. Rat l-affidavit ta' **Raymond Baldwin**, raġel ta' l-intimata minnha separat uffiċjalment mis-sena 2017, ippreżentat mir-rikorrent fid-9 ta' Ġunju 2017 (fol 140).

21. Rat ix-xhieda ta' **Emma Pace**, ġar tar-rikorrenti u nurse li kienet assistiet lill-missier ir-rikorrenti fl-aħħar jiem ta' ħajtu, mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2017 (fol 143).

22. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Attard**, ġar tar-rikorrenti, mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2017 (fol 145).

23. Rat ix-xhieda ta' **Carmen Baldacchino**, mart kuġin tal-partijiet, mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2017. (fol 154)

24. Rat ix-xhieda ta' **Marthese Sammut**, konoxxenti tal-familja tal-partijiet, mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2017 (fol 156).

25. Rat ix-xhieda ta' Marica Baldwin, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fid-29 ta' Novembru 2017 (fol 159).

26. Rat ix-xhieda ta' **Karl Caruana**, Facility Manager f' Casa Arkati, Mosta, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-6 ta' Frar 2018 (fol 171).

27. Rat ix-xhieda ta' **Dione Borg**, ħabib tal-familja, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-6 ta' Frar 2018 (fol 173).

28. Rat ix-xhieda ta' **Vincent Galea**, ħabib tal-ġenituri tal-partijiet, mogħtija fis-6 ta' Frar 2018 (fol 175).

29. Rat ix-xhieda ta' **Neville Mula**, impjegat tar-rikorrent, mogħtija fit-8 ta' Mejju 2018 (fol 179).

30. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Marthese Galea, mogħtija fit-8 ta' Mejju 2018. (fol 181)

31. Rat illi fl-20 ta' Ġunju 2018, ir-rikorrenti ppreżenta s-segwenti affidavits permezz ta' nota:

    a. Affidavit ta' **Victor Gauci**, missier mart ir-rikorrenti (fol 191)
    b. Affidavit ta' Rose Ann Borg illi kienet ġia xehdet fit-8 ta' Novembru 2016. (fol 193)
    c. Affidavit ta' **Bina Calleja**, il-mara ta' ħu omm il-partijiet (fol 194).
    d. Affidavit ta' **Michelle Marchisotto**, bint Bina Calleja u kuġina tal-partijiet (fol 195).
    e. Affidavit ta' Luciano Baldacchino illi kien ġia xehed fit-28 ta' Ġunju 2016. (fol 196)
    f. Affidavit ta' Vincent Sciberras illi kien ġia xehed fit-28 ta' Ġunju 2016. (fol 198)
    g. Affidavit ta' **Maria Dolores sive Doris Bonnici**, kuġina tal-partijiet. (fol 199)
    h. Affidavit ta' Eileen Micallef illi kienet ġia xehdet fit-18 ta' Marzu 2016. (fol 200)
    i. Affidavit ta' **Silvio Mamo**, xhud tat-testment tal-5 ta' April 2013. (fol 202)
    j. Affidavit ta' **Kevin Mallia**, ħabib ta' missier il-partijiet. (fol 203)
    k. Affidavit ta' Gejtu Grech illi kien ġia xehed fit-28 ta' Ġunju 2016.
    l. Affidavit tar-rikorrenti George Galea, li kien ġia xehed fit-28 ta' Ġunju 2016. (fol 205)
    m. Affidavit ta' **Dr Maria F Deguara**, tabiba illi kienet tikkura lill-missier il-partijiet fl-aħħar sena tiegħu. (fol 213)
    n. Affidavit ta' Neville Mula illi kien ġia xehed fit-8 ta' Mejju 2018. (fol 214)
    o. Affidavit ta' Marthese Galea, mart ir-rikorrent, illi kienet ġia xehdet preċendentement fit-2 ta' Ottubtu 2015 u fit-8 ta' Mejju 2018. (fol 215)

32. Rat ix-xhieda ta' **Ramona Sammut**, ħabiba antika u ġara tal-ġenituri tal-partijiet, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2018. (fol 227)

33. Rat illi fl-20 ta' Ġunju 2018, ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

34. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fis-17 ta' Ottubru 2019.

35. Rat illi fil-21 ta' Novembru 2019, fuq talba ta' l-intimata, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, abbażi tal-verbal illi kien sar fil-25 ta' Frar 2015.

36. Rat is-sottomissjonijiet intimati ppreżentati fid-29 ta' Jannar 2020. (fol 245)

37. Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti ppreżentati fit-13 ta' Mejju 2020. (fol 255)

38. Rat illi fit-3 ta' Lulju 2020, din il-Qorti, wara illi ħadet konjizzjoni in dettal tal-atti u tas-sottomissjonijiet u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-Ġustizzja sabiex jiġi evitat dilungar inutili tal-proċeduri fil-Qorti, irrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha fejn iddifferiet il-kawża għal deċiżjoni dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, w minflok ordnat illi jinġiebu l-provi intimati fuq il-meritu sabiex il-kawża tiġi deċiża fuq il-meritu w l-eċċezzjonijiet kollha. (fol 283)

39. Rat illi fis-6 ta' Awissu 2020, l-intimata ppreżentat is-segwenti affidavits permezz ta' nota:

    a. L-affidavit ta' **Josephine Baldwin**, omm ir-raġel ta' l-intimata. (fol 288)
    b. L-affidavit ta' Raymond Baldwin, raġel ta' l-intimata li kien ġia ppreżenta affidavit ieħor iżda ppreżentat mir-rikorrent. (fol 289)
    c. L-affidavit ta' **Emanuela Baldacchino**, oħt omm il-partijiet. (fol 291)
    d. L-affidavit ta' **Mimi Baldwin**, kuġina tal-partijiet. (fol 292)

40. Rat illi fl-20 ta' Awissu 2020, l-intimata ppreżentat is-segwenti affidavits permezz ta' nota:

    a. L-affidavit ta' **Joseph Abela**, ħabib antik ta' missier il-partijiet. (fol 294)
    b. L-affidavit ta' **Keith Baldwin**, iben l-intimata. (fol 296)
    c. L-affidavit ta' **Sara Baldwin**, bint l-intimata. (fol 298)

41. Rat l-affidavit ta' **Maria Carmela sive Marica Baldwin**, ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2020. (fol 301)

42. Rat l-affidavit tan-**Nutar Victor John Bisazza**, ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2020 (fol 310) u d-dokumenti minnu ppreżentati.

43. Rat l-affidavit ta' **Josanne Falzon**, ħabiba tal-intimata u minnha ppreżentat fl-20 ta' Ottubru 2020. (fol 321)

44. Rat l-affidavit tan-**Nutar Anne Marie Tonna**, ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2020. (fol 325)

45. Rat l-affidavit ta' **Doris Pace**, ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2020. (fol 327)

46. Rat illi fil-15 ta' Jannar 2021, l-intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

47. Rat illi fit-8 ta' Ġunju 2021, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluqa w il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet finali rikorrenti.

48. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti ppreżentati mill-abbli difensur tiegħu fit-8 ta' Novembru 2021. (fol 341)

49. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-intimata ippreżentati mill-abbli difensur tiegħu fil-21 ta' Diċembru 2021. (fol 341)

50. Rat illi fis-26 ta' Jannar 2022, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum.

## Fatti

51. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi l-partijiet fil-kawża huma aħwa, it-tnejn tfal tal-mejtin John Mary Galea u Helen nee' Calleja.

52. Jirriżulta illi ommhom, Helen Galea, mietet fl-24 ta' Ġunju 2012, filwaqt illi missierhom, John Mary Galea, miet ftit anqas minn sena wara, ossija fit-22 ta' Mejju 2013.

53. Jirriżulta illi r-raġuni illi wasslet lill-partijiet quddiem dina l-Qorti hija kuntratt ta' donazzjoni u testment illi saru fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza.

54. Jirriżulta illi fil-kuntratt ta' donazzjoni, fit-12 ta' Lulju 1995, saret donazzjoni, mill-ġenituri tal-partijiet, John Mary u Helen Galea lill-intimata Marica Carmela sive Marica Baldwin, ta' varji propretajiet u oġġetti oħra tal-ġenituri tal-partijiet.

55. Jirriżulta illi dak iddonat kien is-segwenti:

    a. Dar ġewwa 98, Constitution Street, Mosta
    b. Ħanut bl-isem "Zammit General Stores", ġewwa Constitution Street, Mosta
    c. Utili dominju perpetwu ta' garage ġewwa Triq Wied is-Sir, Mosta
    d. Żewġ boathouses numerati 26 u 27, ġewwa l-Qawra.
    e. L-għamara tas-salott u tas-sodda inkluż kull ma fihom.
    f. Grand Father's Clock.
    g. Toyota Starlet bin-numru W 7298.
    h. Sailing Boat.
    i. Katamaran Hobby Cat.

56. Jirriżulta illi d-donazzjoni kienet waħda gratwita w il-propjeta u oġġetti kollha inklużi f'tali donazzjoni kienu soġġett għall-użu u abitazzjoni, skond il-każ, ta' l-istess ġenituri, tul ħajjithom kollha.

57. Jirriżulta illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa qatt ma kien a korrent ta' tali donazzjoni u saħaq li ġie a konoxxenza tiegħu ftit wara il-mewt ta' missieru.

58. Jirriżulta wkoll illi, fit-28 ta' Frar 2003, sar testment mill-ġenituri tal-partijiet fejn innominaw lill-intimata Marica Baldwin bħala unika eredi universali tagħhom.

59. Jirriżulta illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa ma kienx a korrent ta' tali testment u kien biss fit-30 ta' Marzu 2013, meta missieru kien rikoverat l-Isptar w r-rikorrent ma jiġbor xi affarijiet tiegħu mid-dar ta' missieru, illi b'kumbinazzjoni ra t-testment li kienu għamlu l-ġenituri tiegħu għaxar snin qabel.

60. Jirriżulta illi, dakinhar stess, ir-rikorrent għamel kopja ta' tali testment u meta mar jara lill-missieru l-Isptar l-għada, ħadlu kopja ta' tali testment u talab spjegazzjoni mingħand missieru dwar x'kienet ir-raġuni ta' tali testment, liema raġuni ma taħx, u għalhekk telaq 'l hemm.

61. Jirriżulta illi, sussegwentement, missier ir-rikorrent talab lill-intimata sabiex tieħdu lura d-dar, ħaġa illi hija għamlet, u meta kien id-dar, hekk kif il-mara tar-rikorrent ċemplitlu biex, skond hi, tara kif inhu, huwa għarrafhom li ried imur għand nutar biex jirranġa l-affarijiet.

62. Jirriżulta illi, eventwalment, ir-rikorrent u martu irranġaw biex imur nutar fir-residenza ta' missier il-partijiet, John Mary Galea, ossija n-Nutar Samuel Bezzina, u fil-preżenza ta' żewġ xhieda minnhom miġjuba, sar testment ftit anqas minn ġimgha wara li r-rikorrent sar jaf bit-testment l-ieħor, ossija fil-5 ta' April 2013, fejn missier ir-rikorrent irrevoka kwalsiasi testment li kellu qabel u rranġa l-affarjiet billi ħalla lir-rikorrenti bħala eredi universali tiegħu ad esklużjoni ta' l-intimata.

63. Jirriżulta illi sussegwentement, ir-rikorrent irranġa sabiex missieru jmur ġewwa d-dar residenzjali Casa Arkati, fil-Mosta, fejn huwa baqa' sakemm eventwalment miet ftit ġimgħat wara, ossija fit-22 ta' Mejju 2013.

64. Jirriżulta illi, wara il-mewt ta' missierhom, hekk kif il-partijiet kienu ltaqgħu sabiex jaraw kif ser iħallsu l-ispejjeż relatati mar-rikoveru ta' missierhom ġewwa Casa Arkati u spejjeż oħra, l-intimata għaddiet lir-rikorrent kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni sabiex huwa jarah, liema donazzjoni huwa qatt ma kien jaf bih qabel.

65. Jirriżulta illi, sussegwentement, huwa ħa parir legali dwar dik id-donazzjoni u pproċeda biex bagħat Ittra Uffiċjali lill-intimata fid-9 ta' Settembru 2013 sabiex tersaq għal ftehim bonarju biex l-assi tal-ġenituri tagħhom jiġu maqsum b'mod ġust.

66. Jirriżulta illi, sussegwentement, fil-31 ta' Jannar 2014, ir-rikorrent nieda l-proċeduri odjerni filwaqt illi ppreżenta wkoll Mandat ta' Inibizzjoni Nru 172/2014, liema Mandat iżda ġie lilu miċħud fit-3 ta' Marzu 2014.

## Bażi tal-azzjoni odjerna

67. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara kemm l-att tad-donazzjoni tat-12 ta' Lulju 1995 kif ukoll it-testment tat-28 ta' Frar 2003 bħala nulli u bla effett "*minħabba li sar b'riżultat ta' moħqrija u theddid imwettqa fuq l-imsemmija John Mary Galea, prinċipalment minn martu Helen Galea u mill-intimata Marica Baldwin*" u għalhekk tiddikjara lir-rikorrent eredi universali tal-assi kollha tal-ġenituri tal-partijiet abbażi tat-testment tal-5 ta' April 2013.

68. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendi li, peress li l-intimata żammet kemm id-donazzjoni tas-sena 1995 u t-testment tas-sena 2003 mistur minnu, huwa safa vittma ta' ingann mill-intimata.

69. Jirriżulta wkoll illi huwa jikkontendi li, abbażi tal-massima '*fraus omnia corrumpit*', la darba d-donazzjoni kif ukoll it-testment tas-sena 2003 kien riżultat ta' malafede ta' l-intimata flimkien ma' ommhom, tali donazzjoni u testment kellhom jiġu kkunsidrati nulli u bla effett.

## Difiża

70. Jirriżulta illi l-intimata, da parte tagħha, opponiet it-talbiet tar-rikorrenti billi qajjmet is-segwenti argumenti:

    a. It-talba għar-rexissjoni taż-żewġ kuntratti hija preskritta bit-trapass ta' sentejn skond l-Artikolu 1222 tal-Kap 16.

    b. Ir-rikorrent irratifika it-testment tal-2003 meta rċieva l-flus u għalhekk tilef id-dritt li jitlob ir-rexissjoni tagħha.

    c. L-atti illi huwa qiegħed jattakka saru bil-volonta' taż-żewġ ġenituri tagħhom.

    d. Il-kunsens ta' missierhom John Mary Galea għaż-żewġ atti ma ġiex meħud b'vjolenza u kien wieħed meħud liberament minnu flimkien ma' omm il-partijiet, Helen Galea.

## Preskrizzjoni

71. Il-Qorti tibda billi tosserva illi, sabiex l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni mqajjma mill-intimata jiġu kkunsidrati, jeħtieġ illi jiġi kkunsidrat wkoll l-allegazzjoni ta' "vjolenza" imqajjma mir-rikorrent, liema vjolenza, skond ir-rikorrent, kienet dovuta għal "*moħqrija u theddid imwettqa*" fuq missier il-partijiet, John Mary Galea, mill-intimata u omm il-partijiet, Helen Galea, li wassal sabiex ivvizzja l-kunsens illi l-istess missier seta' esprima waqt l-iffirmar tad-donazzjoni tas-sena 1995 u t-testment tas-sena 2003, bir-riżultat illi, għalhekk, tali kuntratti kellhom, skond ir-rikorrent, jitqiesu nulli u bla effett minn dina l-Qorti.

72. Dana qiegħed jingħad peress illi l-eċċezzjoni imqajjma mill-intimata dwar preskrizzjoni, hija bbażata fuq l-Artikolu 1222 tal-Kap 16, li jipprovdi dan li ġej:

    *(1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball,għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa'* ***bil-preskrizzjoni egħluq sentejn****.*

    *(2) Dan jgħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza.*

73. Il-Qorti tosserva wkoll illi rilevanza għandha tingħata wkoll għall-artikolu sussegwenti, ossija Art 1223 tal-Kap 16 li, dwar il-preskrizzjoni fuq imsemmija, tipprovdi dan li ġej:

    *(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza,minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.*

    *(2) Fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt.*

74. Għalhekk, abbażi ta' dawna ż-żewġ artikoli, is-sentejn żmien fejn l-azzjoni intentata mir-rikorrent setgħet issir tibda tiddekorri <u>minn dakinhar li spiċċat il-vjolenza</u>, kieku

jirriżulta illi hemm il-vjolenza, jew <u>minn dakinhar illi sar jaf ir-rikorrent</u>, f'każ ta' għemil doluż.

75. Stabbilit dan, il-Qorti ser ikollha issa tgħaddi biex tikkunsidra jekk attwalment kien hemmx vjolenza jew le li seta' vvizzja l-kunsens ta' missier il-partijiet meta sar, kemm il-kuntratt ta' donazzjoni tat-12 ta' Lulju 1995, kif ukoll tat-testment tat-28 ta' Frar 2003, sabiex wara tkun tista' tqis jekk l-azzjoni odjerna hijiex preskritta jew le.

## Meritu tal-Każ

76. Jirriżulta illi r-rikorrent, tul il-kawża odjerna, iffoka l-kawża odjerna tiegħu fuq żewġ elementi prinċipali:

    a. Kemm huwa kien viċin ma' missieru, John Mary Galea.

    b. Kemm kienet mara negattiva, ħażina, krudili w iebsa omm il-partijiet, Helen Galea, li kellha kontroll assolut fuq missieru, John Mary Galea.

77. In sostenn ta' tali argumentazzjoni, ir-rikorrent ressaq xejn anqas minn disgħa u tletin (39) xhieda sabiex jikkorroboraw l-verżjoni tal-fatti tiegħu.

78. Huwa ressaq varji xhieda, fosthom membri tal-familja, illi lkoll kellhom xi esperjenza negattiva ma' Helen Galea, li jvarjaw minn esperjenza ta' kuġina amerikana **Michelle Marchisotto**, li ftit anqas minn ħamsin sena ilu, ossija fis-sena 1974, meta kellha disgħa snin, ħadet għaliha għax omm il-partijiet qaltlilha biex tneħħi l-kappa ma' rasha li kienet qed tilbes biex ma xxarrabx xagħarha u sussegwentement għaddiet biex timbuttaha fil-baħar (vide fol 195), għall esperjenza ta' mart kugin ieħor, **Carmen Baldacchino**, li ħadet għaliha meta omm il-partijiet kienet irrabjat magħha għax ir-raġel tagħha, il-kuġin **Luciano Baldacchino**, kienu għadu ma ħallashomx ta' karozza illi huwa kien xtara mingħand missier il-partijiet (fol 119,154 u 196). Tressqu diversi kuġini u membri tal-familja oħrajn illi saħqu kemm kienet persuna iebsa u dejjem tgħajjat ma kulħadd.

79. Ir-rikorrent ressaq ukoll, bħala xhieda, lil **Gaetano Grech** (fol 117) u **Silvio Mamo** (fol 202), li kienu l-persuni illi l-istess rikorrenti kien ġab miegħu sabiex missier il-partijiet jagħmel testment fil-5 ta' April 2013, ftit qabel ma miet, fejn ħalla kollox lir-rikorrent ad esklużjoni ta' l-intimata, fejn dawna qalu illi missier ir-rikorrent kien qalilhom illi, ftit wara li kien miet ħuh, Carmelo Galea, fis-sena 1995, Helen Galea u l-intimata kienu ħaduh "*bħal kelb miġbud biċ-ċinga biex jagħmlu l-affarijiet hekk kif iridu huma u kontra l-volonta tiegħu.*" – tali xhieda hija ċertament dubjuża w inverosimili, tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent stqarr li sar jaf bid-donazzjoni tas-sena 1995 BISS WARA li miet missieru, jiġifieri WARA li għamel it-testment a favur tar-rikorrenti, li għalih is-sinjuri fuq imsemmija kienu preżenti bħala xhieda.

80. Ir-rikorrent u martu, **Marthese Galea**, kif ukoll it-tfal tiegħu **Dr Francesca Galea** u **Maria Galea**, xehdu dwar kemm kien raġel tajjeb u ġentili missier il-partijiet, ossija John Mary Galea, u kemm kienet "*mara mentalment instabbli u bla kuxjenza*" (fol 122), mara "*mingħajr imħabba*" (fol 109) u li kienet deskritta bħala "*xitan*" minn missier il-partijiet.

81. Ir-rikorrent saħansitra ħass li kellu jirrakonta okkazzjoni, illi seħħet qabel ma twieled hu, fejn jgħid illi zijuh Carmelo Galea, qallu li darba minnhom, missier u omm il-partijiet kienu qed jiġġieldu u dak il-ħin omm il-partjiet bir-rabja tefgħet mal-art lil ħuhom Frans, illi kellu tlett snin, li spiċċa waqa' tlett tarġiet u ħabat rasu – ir-rikorrent ikompli jgħid li, eventwalment, meta kellu erbgħatax-il sena, ħuh miet b'tumur f'rasu u dana kien riżultat tal-fatt illi ommu kienet tefgħet lil ħuh Frans ma' l-art waqt ġlieda ma' missieru meta kellu tlett snin.

82. Ir-rikorrenti ressqu wkoll xhieda oħra, fosthom **Eileen Micallef** (fol 104 u 200) u **Kevin Mallia** (fol 203), fejn dawna insistew illi missier il-partijiet kien dejjem imur ġewwa l-boathouse illi kellhom fil-Qawra sabiex ikun 'il bogħod minn martu, omm il-partijiet, li huwa kien jiddeskrivi bħala "xitan" lilhom.

83. Ir-rikorrent u martu, Marthese Galea, fix-xhieda tagħhom, kemm in awla kif ukoll b'affidavits, jirrakkontaw ħafna stejjer oħra intiżi sabiex jiddeskrivu u jpinġu lil Helen Galea bħala persuna krudili w li dejjem toħloq l-inkwiet u ġlied ma' kulħadd – hi kienet, skond huma, persuna dominanti, vjolenti u krudili – tentattiv ċar ta' hekk imsejjaħ '*character assassination*' da parte tagħhom sabiex jippruvaw l-vertenza quddiem dina l-Qorti – li missierhom kien soġġettat u dominat minn ommhom.

84. Ir-rikorrent ressaq wkoll ħafna xhieda illi lkoll stqarrew kemm missier il-partijiet kien viċin mar-rikorrent, u dejjem kien ikun il-ħanut tar-rikorrent, liema ħanut il-missier kien akkwista u fetaħ għar-rikorrent sabiex huwa jkun jista' jibda l-operazzjoni kummerċjali tiegħu, li għadha għaddejja sa llum.

85. Ir-rikorrent, madanakollu, f'ebda mument ma ħass il-ħtieġa illi jressaq sia n-Nutar illi kien ippubblika d-donazzjoni tas-sena 1995 w it-testment tas-sena 2003, ossija n-Nutar Victor John Bisazza, jew ix-xhieda illi kienu preżenti dakinhar tal-iffirmar tat-testment tas-sena 2003, ossija Rosemary Camilleri u l-Kaptan Philip Apap Bologna – li kienu ċertament l-aħjar xhieda illi setgħu jixhdu dwar il-volonta' o meno ta' John Mary Galea meta ffirma ż-żewġ kuntratti.

86. L-intimata, da parte tagħha, di fatti, ipproduċiet bħala xhud lin-**Nutar Victor John Bisazza** illi kkonferma li "*l-kontenut kollu, kemm fl-Att ta' Donazzjoni kif ukoll fit-Testment Revokatorju, jirrifletti espressament ix-xewqa u l-volonta' tal-konjuġi John Mary Galea u Helen Galea*". (fol 311)

87. L-intimata pproduċiet ukoll bħala xhud lill-ex raġel tagħha, **Raymond Baldwin**, li ġie prodott ukoll mir-rikorrent ukoll, fejn, filwaqt li meta prodott mir-rikorrent, ikkonferma illi ma kienx jaf bid-donazzjoni, meta prodott mill-intimata, ikkonferma illi r-relazzjoni bejn John Mary Galea u martu Helen Galea kienet waħda normali ħafna, fejn saħaq illi, dwar Helen Galea, din setgħet kienet "*mara nervuża iżda rispettuża immens*", żied jgħid li "*neskludi li kienet mara li tiddomina lil żewġha*", filwaqt illi għal dak li jirrigwarda John Mary Galea, jgħid illi "*ma kienx 'ngħixu'*" u ma kienx persuna illi "*jissokkombi u joqgħod għal dak li tkun qed tgħid hi.*" (fol 140 u 289)

88. Dwar il-karattru ta' omm il-partijiet, l-intimata pproduċiet bħala xhud lil zijithom, **Emanuela Baldacchino**, illi kienet tiġi oħt Helen Galea, fejn dwarha kellha dan xi tgħid: (fol 291)

> *"Kellha karattru tajjeb ħafna, kienet qalbha tajba u kienet magħmula illi minn dak li jkollha ittik.*
>
> *..*
>
> *Qatt ma innotajt li Jimmu kien xi persuna ġwejjef u li tgħid il-mara kollu tajjeb. Kien raġel tal-affari tiegħu.*

89. L-intimata pproduċiet ukoll, bħala xhud lil **Joseph Abela**, li jiddeskrivi ruħu bħala "*ħabib tal-qalb ta' John Mary Galea*", u li jirrakonta episodju li ċertament huwa ta' importanza kbira sabiex il-Qorti tifhem x'wassal għad-donazzjoni tas-sena 1995. Dana jgħid is-segwenti:

> 4. *Nixtieq ngħid li għall-ħabta ta' Mejju 1994, ħija kien infurmani li Ġamri kien qiegħed ifittixni 'l għaliex kellu bżonn urġenti li jkellimni; għalhekk, malli wasalli dan il-messaġġ jien mort infittxu fil-boathouse li Ġamri kellu l-Qawra. F'din l-okkażjoni Ġamri, li kien bniedem dejjem ferrieħi, deher inkwetat u laqagħni b'dawn il-kliem: "x'waħda għamilli ħija, ħalla kollox lil George u lil Marica ħalliha barra". Kien inkwetat 'l għaliex ħuh kien ħalla l-wirt tiegħu kollu lit-tifel tiegħu George u lil bintu Marica ma kien qiesha xejn.*
>
> 5. *Ġamri u jien rari konna niddiskutu affarijiet ta' negozju u/jew ta' familja; filfatt jien ma kontx naf li n-negozju tal-ironmongery kien ta' George, u li Gamri kien bdiehulu u baqa' jgħinu biex jitrawwem fin-negozju. Dakinhar pero' kien staqsieni għal parir dwar dak li kien għamel ħuh. Gamri qalli "Lil George ġa tajtu l-ħanut u ngħinu jiena biex jitrawwem fin-negozju" Imbagħad kien staqsini għal parir x'se jagħmel peress li ma xtaqx iħalli lil Marica b'xejn u xtaq jikkumpensaha biex uliedu jgawdu ndaqs. Kien ukoll talabni biex ma nitkellem ma' ħadd dwar dan peress li kien qal biss lili u lil Joe Cauchi.*
>
> 6. *Peress li Ġamri kien talabni parir, jien issuġġerejtlu jagħmel valuation tal-ġid tiegħu u jġib lil Marica pariġġ George bil-ġid tiegħu u ta' martu. Kien qalli li Joe Cauchi kien taħ l-istess parir.*

90. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrent stess, fl-affidavit tiegħu, (fol 209) jikkonferma tali sitwazzjoni, għalkemm jattribwiha unikament lil ommu, Helen Galea u l-intimata, u dana meta jgħid is-segwenti:

> *Ċertu ġirien kienu sabuni u qaluli li m'għamiltx sewwa li għidt liz-ziju iħallilek kollox u lil oħtok xejn. Jien bsart minn fejn din kienet ġejja, issa lil oħti ħallielha dar u ta' permess tal-petrol station imma ma kinetx sodisfatta. Issa din oħti qatt ma daret biz-ziju u xorta ħallielha dan kollu u xorta riedet iżjed. Il-garage żgħir tal-petrol station kien ħallieh lit-tfal tiegħi imma oħti batet lil missieri biex isaqsini jekk jien irridx inpartat id-dar mal-garage tal-petrol station, imma jien għidtlu li missieri li din mhux tiegħi imma miktub fuq it-tfal u għalhekk jien ma ċaqlaqt xejn.*

91. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma terġax tagħmel referenza għad-dikjarazzjoni illi għamel in-Nutar ben rispettat u magħruf fl-integrita' tiegħu, ossija in-Nutar Victor John

Bisazza, fejn dwar iż-żewġ kuntratti li saru quddiemu, kemm ta' donazzjoni tas-sena 1995 kif ukoll it-testment tas-sena 2003, qal is-segwenti:

> "*Il-kontenut kollu, kemm fl-Att ta' Donazzjoni kif ukoll fit-Testment Revokatorju, jirrifletti espressament ix-xewqa u l-volonta' tal-konjuġi John Mary Galea u Helen Galea.*"

92. Il-Qorti tqis illi, a differenza ta' dak illi qiegħed jallega r-rikorrenti, missieru John Mary Galea, li miegħu r-rikorrent jistqarr li tant kien viċin, kien ben konxju tad-deċiżjoni minnu meħuda meta għamel id-donazzjoni lill-intimata fit-12 ta' Lulju 1995, peress illi, bħala missier ġust u ekwu, ried jassikura illi l-beni tal-familja tiegħu, inkluż dawk ta' ħuh Carmelo Galea, illi ma kienx miżżewweġ u ma kellux tfal u kien meqjus bħala parti integra tal-familja tiegħu, jitqassmu ugwalment bejn it-tfal tiegħu, liema fatt ma kienx seħħ meta Carmelo Galea, li r-rikorrent stess jirrikonoxxi, kien ferm aktar viċin tiegħu milli ta' l-intimata, qabad u għadda kollox lir-rikorrent flok ma' qasamhom bejn iż-żewġt itfal.

93. Jidher ċar illi, a differenza ta' dak illi qiegħed jipprova jallega r-rikorrent, il-missier, mhux talli ma kienx soġġettat għall-"vjolenza" ta' martu Helen jew ta' bintu, l-intimata Marica Baldwin, iżda talli kien ben konsapevoli tal-fatt illi, riżultat tal-fatt li Carmelo Galea ħalla kollox lir-rikorrenti, l-intimata kellha tingħata beni illi jikkompensaw għal dak li ma ingħatalhiex minn Carmelo Galea – u kien għalhekk illi John Mary Galea, volontarjament u konsapevolment, flimkien ma' martu Helen, ħallew lill-intimata l-beni kollha li jidru elenkati fil-kuntratt ta' donazzjoni tat-12 ta' Lulju 1995.

94. Għalhekk, kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, ma jirriżulta ebda vjolenza imposta fuq John Mary Galea minn ħadd u ċertament ma jirriżulta ebda moħqrija u theddid li jipprova jalludi biha r-rikorrent bil-kliem "*bħal kelb imsawwat miġbud biċ-ċinga*" li, konvenjentement, ikkonfermaw ix-xhieda li huwa stess kien ġab biex missieru jagħmel testment a favur tiegħu ftit xhur qabel ma miet, meta l-istess missier kien taħt il-kontroll tar-rikorrenti, tant illi, wara li sar it-testment tal-5 ta' April 2003, daħħlu ġewwa Casa Arkati.

95. Għal dak illi jirrigwarda t-testment tat-28 ta' Frar 2003, filwaqt illi l-Qorti tagħmel eżattament l-istess osservazzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-volonta' ta' John Mary Galea, tistqarr ukoll illi, a differenza ta' dak li jikkontendi r-rikorrent, filwaqt li jista' jkun li fl-aħħar snin ta' ħajtu huwa kien vicin ma' missieru, ma tantx jidher illi huwa kien daqstant viċin ma' missieru fis-snin ta' qabel. Dana qiegħed jingħad għax, filwaqt li jidher li, abbażi ta' xhieda prodotta mir-rikorrenti, John Mary Galea kien iqatta' ħafna żmien fil-boat house tiegħu fil-Qawra, allegatament biex joqgħod il-bogħod minn martu, skond xhud illi, kif stqarr il-konsulent legali tar-rikorrent, kienet intrasiġenti fil-produzzjoni tagħha (fol 170), ossija **Ramona Sammut**, dina qalet is-segwenti, kemm dwar il-ġenituri tal-partijiet, kif ukoll dwar ir-rikorrent: (fol 227)

> *Lil John Galea u lill-mara tiegħu Helen Galea jiena niftakarhom. Kont nafhom il-Qawra. Il-Qawra għandna boathouse. Gamri Galea kellu boathouse maġembna. Ir-relazzjoni bejni u l-familja ma' John Mary Galea u martu Helen u l-familja tagħhom kien hemm relazzjoni tajba ħafna. Jiena mat-tnejn li huma qatt ma kelli xi ngħid magħhom.*
>
> ...

*Lil George Galea ilni ma narah lejn il-boathouse tal-Qawra ta' ommu u missieru għal dawn l-aħħar tletin sena. Ma kienx jiġi jarahom.*

96. Jirriżulta għalhekk, illi a differenza ta' dak illi qiegħed jallega r-rikorrent, kien hemm perjodu ta' żmien fejn ċertament ir-rikorrent ma jidhirx illi kien daqstant viċin ta' missieru w ommu, possibbilment riżultat wkoll tat-testment illi kien għamel iz-ziju Carmelo Galea favur tiegħu, u għalhekk il-Qorti tifhem illi t-testment tat-28 ta' Frar 2003 sar ukoll b'mod volontarju da' parte tal-konjuġi Galea, ġenituri tal-partijiet, u ma tista' tiġi imputata ebda tip ta' vjolenza fuq l-aġir ta' John Mary Galea.

97. Għalhekk, mill-provi kollha prodotti mir-rikorrent, filwaqt illi jidher ċar li r-rikorrent ma jġib ebda rispett lejn ommu illi ġabitu fid-dinja u rabbietu tant illi għamel minn kollox biex ipinġi stampa negattiva u kerha tagħha, ċertament ma rnexxilux iġib provi li juri li missieru kien b'xi mod, kostrett bi vjolenza, biex jagħmel id-donazzjoni tat-12 ta' Lulju 1995 u t-testment tat-28 ta' Frar 2003.

98. Dwar it-testment illi sar fil-5 ta' April 2013 minn John Mary Galea, għalkemm din il-Qorti għandha r-riservi serji tagħha dwar il-volontarjeta' o meno da' parte ta' John Mary Galea biex jagħmel tali testment ftit ġimgħat qabel ma miet, dana ma huwiex il-meritu tal-kawża odjerna, u għalhekk ma tista' tagħmel ebda kunsiderazzjoni ulterjuri dwaru.

99. Ikkunsidrat dan kollu, il-Qorti għalhekk tqis illi l-eċċezzjonijiet imqajjma mill-intimata għal dak illi jirrigwarda l-meritu tal-każ odjern, ossija l-vizzju fil-kunsens ta' John Mary Galea, li huma preċiżament ir-raba', ħames, sitt u sebgħa eċċezzjonijiet, lkoll jimmeritaw illi jiġu akkolti.

## Ikkunsidrat

100. Il-Qorti, wara illi għamlet il-kunsiderazzjonijet kollha kif fuq elenkati, jeħtiegilha terġa' tqis l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-intimata, fejn l-ewwel tnejn kienu li l-azzjoni odjerna hija preskritta bit-trapass ta' sentejn abbażi tal-Artikolu 1222 tal-Kap 16.

101. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi, issa li ġie stabbilit li ma kien hemm ebda vjolenza involuta fl-iffirmar tad-donazzjoni tas-sena 1995 u t-testment tas-sena 2003, a tenur tal-Artikolu 1223 tal-Kap 16, ġia fuq kwotat, il-Qorti għandha tikkunsidra jekk japplikax dak stabbilit f'tali artikolu għal "*żball*", "*għemil doluż*" jew "*kawża falza*", ossija li l-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri "*minn dakinhar li jinkixef id-difett.*"

102. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi r-rikorrenti qiegħed jallega aġir doluż fil-konfront ta' l-intimata meta hija ma għarrfitux bil-kuntratt ta' donazzjoni kif ukoll tat-testment illi kienu għamlu l-ġenituri tagħhom lilha.

103. Jirriżulta illi r-rikorrent jgħid li ġie a konoxxenza tat-testment tat-28 ta' Frar 2003 meta missieru kien rikoverat l-isptar fit-30 ta' Marzu 2013 u mar iġiblu xi karti mid-dar.

104. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent jgħid li ġie a konoxxenza tal-kuntratt ta' donazzjoni tat-12 ta' Lulju 1995 wara illi miet missier il-partijiet fit-22 ta' Mejju 2013.

105. Jirriżulta illi r-rikorrent ippreżenta Ittra Uffiċjali kontra l-intimata fid-9 ta' Settembru 2013 u eventwalment ippreżenta l-kawża odjerna fil-31 ta' Jannar 2014, u għalhekk jista' jingħad illi, fejn jirrigwarda l-allegazzjoni ta' għemil doluż, l-azzjoni odjerna saret entro l-perjodu stabbilit wara illi sar jaf bil-kuntratti li dwaru qiegħed jilmenta.

106. Għalhekk l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ma jirriżultawx.

107. Jirriżulta wkoll illi l-intimata qajjmet eċċezzjoni preliminari oħra, ossija t-tielet eċċezzjoni tagħha, fejn allegat illi r-rikorrent kien irrinunzja għall-azzjoni fuq it-testment tat-28 ta' Frar 2003 meta aċċetta l-flus mingħand l-intimata għas-sehem ta' ommhom.

108. Jirriżulta, minn dokument eżebit mir-rikorrent stess waqt ix-xhieda tiegħu li ngħatat fit-12 ta' Mejju 2016, liema dokument jinsab a fol 110 tal-proċess, illi fit-28 ta' Frar 2013, huwa ffirma dokument mgħoddi lilu mill-intimata, li kien jgħid is-segwenti:

> *I, the undersigned George Galea ID 342158M received the sum (€4,000) in full and final settlement of any reserved portion due to me from the inheritance of my late mother Helen Galea.*

109. Jirriżulta illi, għalkemm l-Artikolu 1228 tal-Kap 16 jipprovdi li "*twettieq jew ir-ratifika ma jġibux ir-rinunzja għall-azzjoni ta' rexissjoni*", l-Artikolu 1231 jgħaddi biex jgħid is-segwenti:

> *Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma jgħoddux għall-każijiet ta' twettiq jew ta' ratifika ta' donazzjoni jew ta' dispożizzjoni testamentarja magħmulin wara l-mewt tad-donatur jew testatur mill-werrieta tiegħu jew minn persuni oħra li l-jeddijiet tagħhom ikunu ġejjin mid-donatur jew testatur.* ***F'dan il-każ it-twettiq jew ir-ratifika, għalkemm ikunu ġew magħmula taċitament mill-werrieta jew minn dawk il-persuni l-oħra, <u>iġibu r-rinunzja tagħhom għall-azzjoni jew eċċezzjoni ta' rexxissjoni</u>****.*

110. Jirriżulta illi, skond id-dokument iffirmat mir-rikorrent u minnu stess ppreżentat, huwa aċċetta ħlas għal porzjoni lilu riservat tal-wirt ta' ommu Helen Galea, bir-riżultat illi għalhekk huwa taċitament irratifika l-effetti tat-testment tat-28 ta' Frar 2003, għalkemm huwa jikkontendi illi sar jaf bit-testment biss xahar wara li ffirma d-dokument u aċċetta l-flus, ossija fit-30 ta' Marzu 2013.

111. Għalhekk, il-Qorti tqis illi, fejn jirrigwarda t-testment tat-28 ta' Frar 2003, huwa irrinunzja minn kwalsiasi azzjoni ta' rexissjoni fil-konfront tagħha hekk kif iffirma d-dokument fit-28 ta' Frar 2013, ironikament għaxar snin bl-eżatt wara li sar it-testment.

112. Għalhekk, it-tielet eċċezzjoni ta' l-intimata timmerita li tiġi akkolta.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti u rat ix-xhieda prodotta;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet ta' l-intimata, filwaqt illi:

**Tilqa'** l-kumplament tal-eċċezzjonijiet imqajjma mill-intimata, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**